Qorti tal-Magistrati Malta (Civili)

Magistrat Dottor Monica Vella LL.D., M. Jur.

Rikors Nru: 168/2004

Charles Cuschieri

Vs

Sagirus Limited

Illum 02 ta' Lulju 2024

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Charles Cuschieri ezercenti l-professjoni ta' ingenjier that l-isem "Camilleri & Cuschieri" ta' Musbieh, Flat 1, Triq Pietru Xuereb, G'Mangia u tghid il-ghaliex m'ghandekx tkun ikkundannata li thallas lill-attur is-somma ta' tlett elef sebgha u ]hamsin Lira Maltin (LM3057.48) dovuta minnek lilu bhala bilanc ta' drittijiet professjonali in konnessjoni ma' servizzi professjonali forniti lilek relattivi ghal Blue Creek Restaurant, Ghar Lapsi skond kif pattwit.

Bl-imghax dekoribbli mill-1 ta' Frar, 2004.

Inti ingunt sabiex tidher ghas-subizzjoni.[1]

[1] Folio 1 tal-process.

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata Sagirus Limited.[2]

Teccepixxi bir-rispett:

1. Illi l-ammont bilancjali ta' drittijiet professjonali pretiz mill-attur mhuwiex fil-fatt dovut lilu.
2. Bir-riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri li jkunu ammissibbli skond il-Ligi.

Rat l-atti kollha.

Rat ix-xhieda mressqa quddiem il-Qorti diversament preseduta.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet[3].

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Fatti fil-Qosor.**

[2] Folio 5 tal-process.
[3] Folio 434 et sequitur tal-process.

Ir-rikorrent isostni li hu dovut l-ammont ta' tlett elef u sebgha u hamsin Lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (LM3,057.48c) li huwa bilanc ta' drittijiet professjonali in konnessjoni ma' servizzi professjonali forniti lis-socejata' intimata in konnessjoni max-xogholijiet Blue Creek Restaurant, Ghar-Lapsi, skond dak pattwit.

Is-socjeta' intimata tichad li minn naha taghha hemm xi ammonti dovuti lir-rikorrent.

**Ikkunsidrat:**

**Provi.**

Xehed **Charles Cuschieri** nhar it-23 ta' Gunju 2004 fejn qal li hu ghandu consultancy firm taht l-isem ta' Camilleri & Cuschieri u fiha hu stess jahdem bhala 'engineer consultant'. Hu esebixxa kuntratt li s-socjeta' tieghu kellu mas-socjeta' intimata. Hu jispjega fid-dettal il-klawsoli tal-kuntratt tax-xoghol bejn il-partijiet. B'mod partikolari hu jispjega xi tfisser il-klawsola numru 6. Jghid li x-xogholijiet mertu ta' dawn il-proceduri saru qabel ma kien iffirmat il-kuntratt, jigifieri ix-xoghol beda qabel ma kien iffirmat il-kuntratt u dan peress li s-Sur Baldacchino li kien jidher ghas-socjeta' intimata wera certa urgenza biex jinbeda x-xoghol. Ix-xoghol beda fuq l-pjanti li taghna f'dak il-perjodu. Ikompli jghid li f'Lulju 1999 is-Sur Baldacchino impjega interior designer gdid u ghalhemm huma kellhom jergghu jaghmlu disinn gdid b'hekk seta' jinhareg it-tender lejn l-ahhar 1999. Il-kuntratt ezebit gie iffirmat fis-27 ta' Ottubru 1999. Jghid li l-abbozz kien ghand

is-sur Baldacchino qabel din id-data u kien iffirmat wara li kienu iddiskutew u qablu fuq il-klawsoli kollha.[4]

Xehed permezz ta' affidavit ir-rikorrent **l-Inginier Charles Cuschieri** fejn qal li fil-bidu tal-1999 kien avvicinah Anthony Baldacchino biex jaghtih konsulenza fuq il-progett f'Ghar Lapsi. Jghid li huma diga' kienu hadmu flimkien. Jghid li kien tah draft agreement li ma kienx iffirmat mill-ewwel. Ikompli jghid li hu flimkien mal-kollega tieghu Jonathan Bonett kienu jiltaqghu mas-Sur Baldacchino u ma' martu u kienu lestew il-pjanti. Wara kien qabbad interior designer lil Saviour Camilleri u dan prattikament ma zamm xejn mill-ewwel ideat tas-Sur Baldacchino tant li huma kellhom jaghmlu pjanti godda. L-agreement bejn il-partijiet gie iffirmat fis-27 ta' Ottubru 1999. Jghid li fil-15 ta' Awwissu 1999 hu kien baghat invoice tax-xoghol u s-sieghat li diga' kienu nhadmu. Din l-invoice qatt ma giet ikkontestata sakemm tlesta il-progett. Isostni li x-xoghol fuq id-disinn baqa' sejjer bejn Awwissu 1999 sa April 2000 u Baldacchino kien qed jigi infurmat b'kollox. F' April 2000 saret sejha ghat-tenders. Jghid li huma kienu qed jaghtu struzzjonijiet lill-electrician Anthony Fenech u kienu qed jaghmlu supervizjoni tax-xogholijiet. Kien l-inginier Jonathan Bonett li kien l-aktar involut fil-progett. Huma ukoll kienu ghamlu l-evalwazzjonijiet tal-kuntratti. Hu jispjega fid-dettal min kien dahal ghat-tenders. Jghid li ghal xi ragunijiet ix-xoghol waqa' lura minhabba li xi affarijiet ma sarux fiz-zmien stipulat kif ukoll problem mal-MEPA. Jghid li kien hemm ukoll problem mal-Enemalta dwar is-supply tad-dawl tant li r-restaurant beda jopera f'Dicembru 2001 b'generator mixtri mill-klijent. Il-Mepa harget il-permessi fit-23 ta' Dicembru 2001 u l-Enemalta taw is-supply fl-24 ta' Dicembru 2001. F'Jannar 2002 beda jigi imkejjel ix-xoghol maghmul minn Browning li gie billed f'Marzu 2002. Kienu

---

[44] Folio 10 sa 12 tal-process.

jintbaghtu statement regolari lill-Baldacchino li qatt ma qal xejn fuqhom la bil-kitba u lanqas b'mod verbali. Jghid li fl-20 ta' Jannar 2004 saret laqgha biex tigi rizolta l-pendenza ta' hlas pero' ma sar xejn u Baldacchino kien talbu biex johrog invoices fuq kumpanija ohra u mhux fuq dik li maghha sar il-kuntratt. Pero' ghalkemm wieghdu li l-hlas kellu jsir sa l-ahhar ta' Jannar 2004 ma sar l-ebda hlas. Jghid li kien cempillu pero' Baldacchino qallu li kellu diffikultajiet biex jonora l-pagamenti.[5]

Xehed **l-Ing. Jonthan Bonett** li qal li hu hadem ma' Camilleri and Cuschieri Engineers ghal madwar 10 snin minn meta iggradwa fl-1994. Jghid li hu kien l-engineer li kien responsabbli mill-ko-ordinament tax-xoghol. Isostni li l-ifficcju taghhom kien involut biex jipprepara t-tender documents. Dawn it-tenders hargu ghal nofs is-sena 2000. Isostni li l-progett kien tlesta 2001 ghax kien hemm problemi mal-planning authority, tibdil fid-disinn u ohrajn familjari tas-Sur Baldacchino. Kien kellem lill-Baldacchino wara li tlesta l-progett u ma kienx qallu li kien hemm problemi dwar il-kwalita' tax-xoghol taghhom. Kien jghidlu biex jistennew pero' l-pagamenti qatt ma saru.[6]

Xehdet **Karen Grima** li qalet li hija kienet is-segretarja ta' Camilleri and Cuschieri Consultants ghal madwar 5 snin. Jghid li l-Ing. Cuschieri kien inkarigaha biex tigri wara l-ammont dovut pero' hafna drabi kienu jghidulha li s-Sur Twanny Baldacchino ma kienx ikun hemm. Meta kienet tkellmu kien jghidilha li kien ser ihallas. Meta kienet tkellmu qatt ma qalilha li kien hemm xi problemi fuq l-ammonti u l-anqas fuq l-istatements.[7]

---

[5] Folio 22 sa 28 tal-process.
[6] Folio 29 sa 31 tal-process.
[7] Folio 32 tal-process.

Xehed **Charles Cuschieri** nhar l-10 November 2004 fejn qal li jaf li Saviour Camilleri tqabbad bhala interior designer u ma kienx jaf dan qabel ghax dan kien imqabbad mis-Sur Baldacchino u martu. Huma ma ghamlu l-ebda pjanti ta' interior design. Jghid li l-pjanti kienu jigu ipprovduti f'fazijiet u dejjem kienu jigu approvati mis-Sur Baldacchino. Ix-xogholijiet kollha saru skond l-istruzzjonijiet tas-Sur Baldacchino.[8]

Xehed **Charles Cuschieri** nhar is-17 ta' Marzu 2005 jghid li hu ezebixxa l-pjanti ta' qabel ma dahal l-interior designer kif ukoll dawk wara li dahal l-interior designer.[9]

Xehed **Anthony Baldacchino** nhar il-11 ta' Jannar 2006. Jghid li fl-20 ta' Jannar 2004 is-Sur Cuschieri kien thallas tlett elef u tlett mitt Lira Maltin (Lm3,300). Jallega li s-somma li tah kienet aktar minn dak mitlub. Jghid li erbgha u sittin elf u erba' mija u tmenin Lira Maltin (LM 64,480) kienet is-somma li thallset lill-kuntratturi. Jghid li fl-1999 kienu qabdu lis-Sur Cuschieri bhala engineer u lil Saviour Baldacchino bhala interior designer. Jghid li Cuschieri kien ghamillu xi pjanti. Jghid li ghall-ewwel Cuschieri ipprezenta pjanti qabel ma ikkonsulta maghhom fejn is-sistema tal-air-conditioner biss kienet differenti, adapted, iddur mal-post kienet tiswa tmienja u sittin elf lira.[10] Jghid li dan il-valur approssimattiv tahulhom Cuschieri u Bonett. Jghid li huwa ikkonsulta ma' Saviour Camilleri u ma ta' Panta u s-sistema giet tiswa tmint elef Lira Maltin (Lm 8,000). B'hekk kellhom jinbidlu l-pjanti.[11]

[8] Folio 37 tal-process.
[9] Foil. 43 tal-process.
[10] Folio 52 tal-process.
[11] Folio 53 tal-process.

Skond hu huma hallsu kollox anki wara li inbidlu l-pjanti. Jghid li d-differenza kienet ta'elf mitejn u hamsa u hamsin Lira Maltin ( Lm 1,255) u jallega li Cuschieri dejjem qallu li kien ser jirranga l-kontijiet u ma irranga xejn. ***Ix-xoghol tal-ewwel pjanti ma sarx. Jghid li mal-laqgha huma kienu taw lil Cuschieri mitt lira zejda. Jghid li l-pjanti originali huma qatt ma ordnawhom. Huma tkellmu bi hsieb biss u ftit xhur wara marru ghandu u sabu l-pjanti lesti u lanqas kien hemm diskussjoni maghhom.***[12] Isostni li huma qatt ma ddiskutew fid-dettal mieghu qabel ma huwa ghamel l-ewwel sett ta' pjanti. Jghid li l-"hall" lanqas biss kienu ser jaghmluh f'dak l-istadju u kien hemm il-kwistjoni fuq l-impjant ta' l-arja kundizzjonata. Jghid li tawh il-pjanti huma imma fuq l-arja kundizzjonata ma iddiskutew xejn. Jghid li kellu struzzjonijiet generali u l-problema kienet id-disinn tal-arja kundizzjonata. Isostni li kien hemm problemi dwar kummissjonijiet bejn Saviour Camilleri u Cuschieri. Ikompli jispjega li wara l-kwistjoni tal-arja kundizzjonata huma komplew jiddiskutu.[13]

Xehed **Anthony Baldacchino** nhar it-8 ta' Frar 2006 u jghid li l-propjeta' xtraha fin-1997 u beda jiddiskuti ma' Cuschieri 98/99. Jghid li qabel il-kuntratt kien hemm ftit diskussjonijiet u meta gie iffirmat il-kuntratt inbeda x-xoghol. Jghid li kienu jiltaqghu spiss fil-bidu minhabba ix-xogholijiet. Isostni li minn meta saru l-ewwel diskussjonijiet sakemm urih l-ewwel pjanti ghaddew ix-xhur.[14] Isostni li l-ewwel pjanti qabad u ghamilhom hu. ***Jaqbel li l-pjanti tal-perit Valentino ghaddihom hu lil Cuschieri. Jaqbel li dawk kienu l-pjanti tal-progett kollu pero' jghid li f'dak l-istadju kienu ser jaghmlu r-***

[12] Folio 54 tal-process.
[13] Folio 50 sa 60 tal-process.
[14] Folio 67 tal-process.

***restaurant biss, ossija is-sular ta' fuq.*** Wara li ghamel il-pjanti kienu jiltaqghu spiss.[15]

Xehed **Anthony Bladacchino** nhar l-10 ta' Mejju 2006 jghid li l-ewwel ma mar kien ghand Cuschieri u jaqbel li tah il-pjanti ta' Valentino u qallu biex japplika ghad-dawl ghaz-zewg sulari u qallu li f'dak l-istadju kien ser jaghmel ir-restaurant biss.[16] ***Jaqbel li l-pjanti ta' Valentino ma kinux ikopru biss ir-restaurant imma kienu jinkludu l-ufficini u l-hall. Jghid li meta tah il-pjanti ta' Valentino, Saviour Camilleri ma kienx ghadu ingaggat. Jinsisti li qallu li kien ser jaghmel ir-restaurant biss***. Wara li gie iffirmat il-kuntratt iltaqghu hafna drabi ma' Cuschieri u Bonett izda qabel ftit. Jghid li lesta l-pjanti taz-zewg sulari u ma kinux isiru hafna laqghat. Isostni li t-tenders gew diskussi u tawh kopja. Jikkonferma li qabbad technician jismu Tony Fenech. Dan tqabbad waqt il-kostruzzjoni. Jikkonferma li qabbdu lil Browning. Sakemm kien qabbad lil Browning diga' kien qabbad lil Saviour Camilleri. Jghid li, wara, l-pjanti kienu jirriflettu t-toilet tad-disabled. Jghid li l-pjanti tat-toilets il-godda saru minn Saviour Camilleri ghalkemm kien hemm pjanti tat-toilets ta' Valentino. Dwar l-arja kundizzjonata huwa ma kellux dokumenti imma Bonett u Cuschieri kienu iddiskutew maghhom. Isostni li fuq id-dokument muri ma ghandu l-ebda firma. Dwar it-tenders tal-arja kundizzjonata jghid li qatt ma harguhom t'isfel. Ma jiftakarx kemm dahhlu tenders jew quotations. Jghid li s-Sur Camilleri ma kellux jaghmel pjanti godda wara li ssottometta l-pjanti is-Sur Camilleri ghax Cuschieri mexa fuq ta' Saviour Camilleri.[17] ***Jghid li dan tal-ahhar ghamel modifikazzjoni u mhux Cuschieri. Jghid li Cuschieri emendahom biss. Jghid li qamet kwistjon bejn Camilleri u Cuschieri ghax fuq il-janti ta'***

[15] Folio 69 tal-process.
[16] Folio 140 tal-process.
[17] Folio 158 tal-process.

***Camilleri Cuschieri ghamel il-logo tieghu.*** Jikkonferma li ghall-habta ta' Jannar 2005 kellu laqgha ma' Bonett u Cuschieri. Jaqbel li kien gie diskuss il-bilanc ta' elf erba' mija u ghoxrin Lira Maltin (Lm 1,420) favur Cuschieri. Jghid li f'dik il-laqgha ma hax dokumenti mieghu. Jghid li hu ma ghandu jaghti xejn. ***Isostni li hu kien jghid lis-segretarja ta' Cuschieri li ser ihallas ghax ma kienx ihares lejn il-kuntratt ta' bejniethom[18].*** Jghid li Browning dam ikarkar hafna bix-xoghol u lesta ghall-habta ta' Marzu 2001. Jaqbel li kien hemm problemi mal-MEPA.

Il-Qorti hadet nota tar-**rapport tal-Perit Tekniku** is-Sur Vincent E. Ciliberti a folio 201 sa 312 tal-process u b'mod partikolari l-kummenti a folio 259 sa 262.

Il-Qorti hadet ukoll nota tar-risposti in eskussjoni tal-Perit Tekniku ghad-domandi tair-rikorrent.[19] Jghid li l-ewwel pjanti li ghaddielu r-rikorrent kienu ta' April 1999, disinn Novembru 1999 u disinni datati 2000. Dwar il-figura ta' tmienja u sittin elf Lira Maltin (Lm68,000) tal-arja kondizzjonata jidher li ma hemmx dokumentazzjoni ta' dan. Jinghad ukoll li ma hemm l-ebda dokumentazzjoni li l-arja kondizzjonata maghzula mill-konvenut giet tiswa tmint elef Lira Maltin (Lm 8,000). Jidher ukoll ghall-perit tekniku li l-ammonti mitluba ivarjaw minn tlett elef u sebgha u hamsin Lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm 3,057.28) b'ittra datat 2 ta' Frar 2004, dik datata 31 ta' Dicembru 2003 li tindika l-ammont ta' elfejn u tlett mija u sebgha u erbghin Lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm 2,347.23), u dik datata 13 ta' Gunju 2007 fejn l-ammont huwa ta' elfejn

[18] Folio 164 tal-process.
[19] Folio 338 sa 340 tal-process.

u tlett mija u tmienja u hamsin Lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm 2,358.28).[20]

Xehed **Vincent Ciliberti** nhar is-17 ta' Frar 2016 fejn qal li l-pjanti gew mghoddija lilu mal-inkarigu u meta lesta l-inkarigu ghaddihom lura fis-sigrieta.[21] Qal li meta ircieva d-domandi tar-rikorrent hu rega' iccekja d-drawings u ma kinux hemm. Jghid li fir-relazzjoni tieghu l-pjanti ma ghamilx referenza ghalihom ghax kienu fis-sigrieta. Jghid li ghalkemm kienu gos-sigrieta '***imma again ma kienx hemm id-drawings li inti ghamilt referenza ghalihom.***'[22] Isostni li '***dawk id-disinni li inti ghamilt referenza ghalihom ma kienux fil-bundle la li nghata lili originarjament u lanqas meta ergajt iccekjajt minhabba il-mistoqsijiet.***'

Xehed **Vincent Ciliberti** nhar is-26 ta' April 2017 pero' ma setax iwiegeb ghax l-inkarigu espletah madwar erba' snin qabel.[23] Ghad-domandi tat-tieni eskussjoni jghid li kien hemm qbil bejn il-partijiet li l-kontijiet tar-rikorrent kienu akbar minn dak tal-intimat.[24] Isostni li l-invoice ta' elf mitejn u hamsa u hamsin Lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (LM 1255.23) intbaghatet qabel ma gie iffirmat il-kuntratt tas-27 ta' Ottubru 1999. Jghid li '***minghajr dubbju mir-rizultanti xhieda jirrizulta car li disinni kien hemm qabel ma l-konvenut kellem l-ewwel darba lir-rikorrent***.'[25] Isostni li wiehed jista' jikkonferma li hu dovut mill-intimat elf u erba' mija u ghoxrin Lira Maltin (LM 1,420) lir-rikorrent. Id-data tal-fattura ta' elf u mitejn u hamsa u

[20] Folio 340 tal-process.
[21] Folio 349 tal-process.
[22] Folio 350 tal-process.
[23] Folio 370 tal-process.
[24] Folio 373 tal-process.
[25] Folio 374 tal-process.

hamsin Lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (LM 1,255.23) tipprecedi dik tal-kuntratt. Jaqbel li d-disinni tal-interior designer u tal-engineer huma differenti imma irid jinghad ukoll li t-tnejn juzaw bhala bazi l-istess pjanti. Jghid li hu ma hassx il-htiega li jaghmel access fuq il-post u hadd mill-partijiet ma talab dan. Jidher li x-xoghol l-iehor li sehh sar minn kuntratturi ulterjuri minn dawk issuggeriti lir-rikorrent. Dan seta' jaghmlu pero' bid-dritt tal-engineer li jithallas ta' xogholu.

**Ikkunsidrat:**

Ir-rikorrent ghal darb'ohra fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu datata 11 ta' Jannar 2023 jerga' jattakka l-espert tekniku nominat minn din il-Qorti diversament preseduta.[26] Dan hu altament skorrett minhabba li din il-Qorti diga' cahdet kull argument f'dan is-sens mir-rikorrent.[27] Il-Qorti tosserva ukoll li ghalkemm ix-xoghol tal-espert huwa dejjem sindakabbli, sew mill-partijiet kif ukoll mill-istess Qorti, din tal-ahhar ma ghandiex facilment iddawwar ix-xoghol u l-konkluzzjonijiet tieghu kontra il-konvinzjoni taghha, ossija minghajr ma taghti raguni valida u soda biex tiddeciedi li tmur kontra dak sottomess mill-espert tekniku li wara kollox tkun hija li taghtu l-inkariku.[28]

**Il-Qorti fliet ir-rapport tekniku kif ukoll id-diversi risposti ghad-diversi domandi in esekuzzjoni u tistqarr li ma thossx li bl-ebda mod ghandha ticcensura dak li irrelata u kiteb dwaru. Tghid biss**

[26] Jidher mid-domandi u risposti in esekuzzjoni li inholqot certa animosita' bejn il-legali tair-rikorrent u il-perit tekniku.

[27] Ara folio 385 tal-process.

[28] Ara f' dan is-sens **Bonaventura sive Benny Camilleri vs John Cuschieri** (Cit. Nru. 248/1989/1) deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar il- 31 ta' Jannar 2003 per Onr. Imhallef Philip Sciberras pg. 7, **Marion Bonnett vs Mary Lewis** (Appell Inferjuri) deciza fl- 1 ta' Marzu 1994 S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici. **Rokku maghruf bhala Ronnie Saliba et vs Victoria Poretelli** (Rik. Gur. 439/2107 JZM) deciza fit- 30 ta' Ottubru 2018 mill-Prm' Awla tal-Qorti Civili per Onr. Imhallef Joseph Zammit McKeon pg. 20- 21.

**li r-rapport ghalkemm ma hemm l-ebda konkluzjonijiet cari wiehed jista' jislet osservazzjonijiet biex din il-Qorti tasal ghad-decizjoni taghha.**

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ma temminx lill-intimat meta jghid li qabel il-kuntratt kien hemm xi diskors imma li hu qatt ma inkariga lir-rikorrent biex ihejjilu l-pjanti u x-xogholijiet konnessi mal-progett tieghu.  Ix-xoghol fih inniffsu kien wiehed kumpless u li jirrikjedi hsieb, diversi laqghat u hin biex timplimentah.  Kien jinvolvi ukoll diversi stakeholders bhall-perit, interior designer, awtoritajiet kompetenti, kuntratturi, tenders, etc. Ghalhekk il-Qorti temmen li ferm qabel ma gie iffirmat il-kuntratt ir-rikorrent kellu l-benedizzjoni tal-intimat biex jaghmel ix-xoghol u jibda jaghmel l-ewwel laqghat u disinni. Dan ma kienx xoghol li wiehed ibiddel xi sistema ta' dawl f'xi kamra zghira jew ibiddel xi unit tal-arja kundizzjonata minn kamra ghall-ohra!

Illi insibu rapportat fil-ktieb tal-Onorevoli Imhallef Grazio Mercieca '**Massimarji tal-Imhallef Philip Sciberras- It-Tieni Volum: Dritt Sostantiv**'  is-segwenti:

**'(4) Jigi allura illi gjaladarba l-partijiet ikunu gja kkonsegwew l-effetti tal-ftehim finali, li dwaru llimitaw ruhom ghall-istesura u l-iffirmar tieghu, strettament ma ninsabux fil-prezenza ta' kuntratt**

**preliminari imma ta' wiehed riproduttiv, ossija ta' kuntratt preliminari impropju.......'**[29]

'Bla dubbju, kuntratt preliminari jezawrixxi l-funzjoni tieghu meta dan ikun assorbit u sostitwit b' kuntratt definittiv......'[30]

'....illi l-offerta tas-socjeta' msemmija, accettata mill-appellanti, kienet tikkreja rapport guridiku bejniethom. Dan, ma jistax ikun dubitat in kwantu offerta determinanti hi dimostrattiva tal-intenzjoni f'min jaghmilha li jkun vinkolanti minn kwalsiasi accettazzjoni valida taghha. Ara Kollez. Vol. XXVIII.i.629'.[31]

L-intimat qatt ma ikkontesta l-invoices u l-istatements li kienu intbaghtulu qabel u wara l-iffirmar tal-kuntratt. Sahansitra qabel ma gie iffirmat il-kuntratt kienet intbaghtet lilu invoice ta' elf u mitejn u hamsa u hamsin Lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (LM 1,255.33).[32] Mhux talli din l-invoice ma gietx ikkontestata izda sahansitra l-ftehim sar diversi gimghat wara ossija fis-27 ta' Ottubru 1999.[33] Ghalhekk, altru milli l-konvenut kien kuntent bil-prestazzjoni tar-rikorrent ghax kieku kien il-kuntrarju allura ma kienx ser jidhol ghall-kuntratt hekk impenjattiv wara!

**Mill-istatement li jinsab a folio 265 tal-process jidher li kien hemm is-segwenti pendenzi u hlasijiet sat-13 ta' Gunju 2007:**

[29] Pagna 552
[30] Pagna 553
[31] Pagni 556 u 557.
[32] Dok CCO2- Folio 277.
[33] Dok- CC01- Folio 277.

**Invoice: 083399- LM 1225.23**

**Invoice: 0619-00- LM 3,162.50**

**Invoice:  0429-01- LM 250.70**

**Invoice: 0626-01- LM 122.19**

**Invoice: 0302-02- LM 298.10**

**Pagamenti:**

**Cheque No. 93- LM 700**

**Cheque No. 146- LM 600**

**Cheque No. 176- LM 500**

**Cheque No.- 225- LM 500**

**Cheque No. 104822- LM 500**

**Cheque No. 324- LM 500**

**Interessi akkumulata kienu ta' LM 569.56**

**Bilanc totali dovut ta' Lm 2,328.28c**

Ma jidhirx li kien hemm statements ohrajn qabel ma inbdiet din il-kawza[34]. Dan l-istatement bid-dettalji tieghu qatt ma gew attakkati barra l-kawza kif qatt ma giet attakkata id-deposizzjoni tas-segretarja

[34] L-isiatement ta' qabel, dak a folio 266 ghandu ammont ta' Lm 1990.62 li jikludi debitu ta' Lm 298.10 u ceditu ta' Lm 500 plus interest li kien qed jakkumula u dan sa **13 ta' Gunju 2007** ta' Lm 569.56.

tal-kumpanija Karen Grima li tkompli issahhah il-fehma ta' din il-Qorti li l-intimat kien ben konsapevoli mill-ammont dovut u hu beda jgib kull skuza biex ma jhallasx. Il-fatt wahdu li hu kellu r-riservi kbar tieghu dwar dak suggerit mir-rikorrent u l-Ing. Jonathan Bonett dwar is-sistema tal-arja kundizzjonata li wasslitu biex isib sistema irhas, kif del resto kellu dritt sagrosant li jaghmel, ma jfissirx li hu ma ghandux ihallas ghax-xoghol li sar kemm qabel kif ukoll wara li r-rikorrent issottometti l-ewwel pjanti. Illi l-Qorti lesta tikkoncedi li l-pjanti li gew sottomessi wara mir-rikorrent kienu ftit differenti minn dawk sottomessi qabel minnu, pero' dan ma jfissirx li ladarba dahal interior designer fil-progett allura modifici zghar fil-pjanti originali ma kinux jirrikjedu analizi gdida mir-rikorrent u studju u hsieb gdid dwar l-istallazzjoni tal-arja kondizzjonata maghzula mill-klijent, ossija l-intimat.

Lanqas jidher li d-dewmien li kien hemm fil-progett kien attribwibbli b'xi mod lir-rikorrent jew li wara l-iffirmar tal-kuntratt ir-rikorrent ma ghamilx ix-xoghol rikjest b'mod professjonali.

**Il-Qorti temmen li r-rikorrent ipprova li l-ammont ta' elf u seba' mija u tmienja u hamsin Lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (LM1758.72) kien dovut sat-13 ta' Gunju 2007 kif ukoll li kien hemm interessi akkumulati mill-1 ta' Jannar 2001 sa 13 ta' Gunju 2007 ta' hames mija u disgha u sittin Lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm569.56). B'hekk l-ammont dovut mis-socjeta' intimata kien ta' elfejn u tlett mija u tmienja u hamsin Lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (LM 2,328.28) sat-13 ta' Gunju 2007.**

**Ikkunsidrat:**

Is-socjeta’ konvenuta tenfasizza li kull interessi fuq ammont dovut ghandu jkun mid-data tas-sentenza. Il-Qorti tosserva li fuq l-*istatements* li diga’ kien hemm referenza ghalihom hemm miktub car u tond li ‘***interest shall be charged on all invoices over 30 days***.’ Ghalhekk, is-socjeta’ intimata kienet ben konsapevoli li ladarba l-invoice ma kinitx ser tithallas fil-perjodu stipulat kien ser jirrikorru l-interessi.

Kif gie ikkwotat fil-ktieb tal-mikbi Imhallef Emeritus Philip Sciberras **-L-Alfabett tal-Kodici Civili Volum E- J:**

**‘Filwaqt li hu vera l-massima ‘*inilliqduiis non fit mora*’ mhux wiehed assolut, deroga minnu tista’ u ghandha issir biss fejn il-likwidita’ ma tkunx wahda reali imma kwazi fittizja ghax ipprovokata mill-agir tad-debitur biex jevita li jhallas dak li hu stess ikun konxju li jkollu jaghti; fejn allura d-dewmien fil-pagament li jkun jiggustifika l-hlas ta’ l-imghax ikun ghad-debitur stess. Tista’ wkoll il-Qorti fuq bazi ta’ ekwita’ tidderoga minn din il-massima fejn id-debitu jkun wiehed ta’ facili likwidazzjoni jew fejn il-kontestazzjoni tad-debitur tirrizulta li tkun pinjola jew addirittura frivola.’**[35]

**Il-Qorti jidhrilha li l-invoices mibghuta kif ukoll l-istatements mir-rikorrent lis-socjeta’ intimata kienu cari u matul il-progett kollu qatt ma gew ikkontestati. Kif diga’ inghad qabel, u a skans ta’**

[35] Pagna 432.

**repetizzjoni, il-Qorti temmen li s-socjeta' intimata tramite Anthony Baldacchino bdiet iggib kull skuza possibbli biex ma thallasx. Dan tal-ahhar jghid li f'hafna mil-laqghat li kien ikollu mar-rikorrent kien jiehu lill-mara, anki meta kienu jigu diskussi hlasijiet, din tal-ahhar baqghet pero' qatt ma ittellghet f'dawn l-ghoxrin sena li ilha sejra din il-kawza.**

**Ghaldaqstant, il-Qorti jidhrilha li ladarba s-somma likwidata ta' elfejn u tlett mija u tmienja u ghoxrin Lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (LM 2,328.28) kienet gia maghrufa, kif fuq spjegat, sat-13 ta' Gunju 2007, l-imghaxx legali ghandu jibda jiddekorri minn dik id-data.**

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghed tiddisponi mit-talba tar-rikorrent billi tiddikjara li s-socjeta' intimata hija debitrici tar-rikorrent ghas-somma elfejn u tlett mija u tmienja u ghoxrin Lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu illum ekwivalenti ghal hamest elef u erba' mija u tlieta u ghoxrin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (Lm 2,328.28c illum €5,423.43c)[36] bl-imghaxx legali jibda jiddekorri mit-13 ta' Gunju 2007 sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez ta' dawn il-proceduri huma kollha a karigu tas-socjeta' intimata.

[36] LM 2,358.28 x Euro 2.33 = Euro 5,494.79c ( LM 1 = Euro 2.33c)

Dottor Monica Vella LL.D., M. Jur.

Magistrat

Annalise Mifsud

Deputat Registratur.